MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 35/2003

**President Holidays Limited**

**vs**

**Ian Zahra**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas u rifuzjoni tas-somma ta' elf, tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1,885.65), liema somma l-konvenut approprja llegalment favur tieghu meta kien impjegat ta' l-istess socjeta' attrici u kien fid-dover li jghaddi dan l-istess ammont lid-dirigenti ta' l-istess socjeta' attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 11 ta' Ottubru, 2002, u bl-interessi relattivi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-24 ta’ Marzu, 2003, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------